MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2110/1996/1

**S.M.W. CORTIS LIMITED**

vs

**Carmel GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq bil-proċedura sommarja speċjali fid-19 ta' Ġunju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma ta' tlitt elef seba' mija u tliet liri Maltin (Lm 3703) bħala bilanċ minn somma akbar għall-bejgħ u konsenja ta' xogħlijiet tal-injam ordnati minnu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ġunju, 1996, li bih tat lill-imħarrek il-jedd li jikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Lulju, 1996, li biha laqa' għat-talba attriċi billi qal li x-xogħol konsenjat ma kienx skond dak ordnat, li x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u ma kienx ta' livell aċċettabbli, u qal li qiegħed jintalab mingħandu ħlas għal xogħol li ma ġiex konsenjat jew li ntbagħat lura għaliex ma kienx aċċettabbli;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrek fid-9 ta' Lulju, 1996, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti taqtagħha li x-xogħol li għamlitlu l-kumpannija attriċi rikonvenzjonata ma kienx tas-sengħa u lanqas ta' livell aċċettabbli, li minħabba f'hekk huwa ġarrab danni, u talab li l-Qorti tillikwida tali danni u tikkundanna lill-kumpannija rikonvenzjonata tħallsu s-somma likwidata bħala danni;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-29 ta' Lulju, 1996, mill-kumpannija attriċi rikonvenzjonata li biha laqgħet għall-kontro-azzjoni tal-imħarrek billi qalet li l-ftehim tal-appalt bejnha u l-imħarrek ma jinħallx *ipso jure* u għalhekk ma setax jippretendi li jħoll il-kuntratt minn jeddu u jqabbad lil ħaddieħor biex jagħmel ix-xogħol bla ma jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Ottubru, 1996, li bih ħatret lill-Perit Arkitett David Paċe bħala perit tekniku;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-imsemmi perit tekniku fl-14 ta' Lulju, 2005[1], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-20 ta' Ottubru, 2005;

Rat ix-xhieda miġbura mill-imsemmi perit u d-dokumenti mressqin mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2006[2], li bih il-kumpannija attriċi iddikjarat li xtaqet tressaq lill-perit tekniku b'xhud tagħha in eskussjoni dwar il-konklużjonijiet milħuqa minnu fir-Rapport tiegħu;

[1] Paġġ. 55 sa 65 tal-proċess
[2] Paġ. 90 tal-proċess

Rat in-nota mressqa mill-kumpannija attriċi fil-25 ta' Jannar, 2006, bil-mistoqsijiet li riedet tagħmel lill-perit tekniku;

Rat ix-xhieda tal-perit tekniku bi tweġiba għall-imsemmija mistoqsijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' xogħol ta' għamara maħdum f'appalt, filwaqt li l-imħarrek kommittent ressaq kontro-azzjoni biex jitlob il-ħlas tad-danni minħabba li jgħid li x-xogħol li ngħata ma kienx skond is-sengħa. Il-kumpannija attriċi tippretendi l-ħlas tal-bilanċ ta' Lm 3703. L-imħarrek jgħid li d-danni li ġarrab kienu jikkonsistu fid-dannu li ġarrab minħabba li x-xogħol ma kienx sar sewwa u fl-ispejjeż li nefaq biex qabbad lil ħaddieħor jagħmel ix-xogħol mill-ġdid;

Illi mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża</u>, joħroġ illi f'xi żmien matul 1995, l-imħarrek kien talab stima għal diversi xogħlijiet fl-injam għax-xogħol ta' għamara għad-dar tiegħu f'San Pawl tat-Tarġa mingħand il-kumpannija attriċi[3]. Minn din il-lista, l-imħarrek spiċċa biex neħħa xi oġġetti u ngħatatlu stima oħra bl-għamara li ried jieħu[4]. Dan ma kienx l-ewwel xogħol li l-imħarrek kien ordna mingħand il-kumpannija attriċi. Iżda filwaqt li x-xogħol ta' qabel kien inxtara wara li l-imħarrek rah lest, l-ordni mertu ta' dan il-każ twettqet fuq disinn tal-imħarrek u martu. Skond il-lista oriġinali tax-xogħlijiet kollha li kienu stmati, il-ftehim kien li l-appalt kollu jitwettaq fi żmien ħames (5) xhur u ngħata prezz speċjali. F'Novembru tal-1995, l-imħarrek ikkonferma l-ordni kif imnaqqsa, u ħallas depożitu ta' elf lira Maltija (Lm 1,000). Il-konsenja saret

[3] Dok "K2", f'paġ. 68 tal-proċess
[4] Dok "K1", f'paġ. 67 tal-proċess

f'żewġ okkażjonijiet matul l-ewwel ġimgħat tal-1996, u kienet tikkonsisti f'żewġ *corners* tal-kawba, *sideboard*, *bar*, salott u librerija[5]. Qabel ma saret il-kunsinna, il-kumpannija attriċi kienet talbet lill-imħarrek u 'l martu jmorru jaraw ix-xogħol. Huma laqgħu l-istedina u marru[6]. Minħabba xi nuqqasijiet li dehru fis-salott wara l-kunsinna, il-kumpannija attriċi kienet reġgħet ħaditu lura, fuq talba tal-imħarrek, biex isiru xi tiswijiet fih;

Illi fi Frar tal-1996, il-kumpannija attriċi bagħtet titlob il-ħlas lill-imħarrek u talbitu wkoll jgħidilha meta setghu jerġgħu joħdulu s-salott. L-imħarrek ma riedx is-salott u eventwalment il-kumpannija attriċi biegħetu lil ħaddieħor[7]. Fl-aħħar ta' Frar[8], l-imħarrek bagħat jgħarraf lill-kumpannija mħarrka li kien qatagħha li jħassar il-kuntratt u talabha tiġi tieħu lura l-għamara li kienet ikkonsenjatlu u troddlu lura d-depożitu li kien ħallasha. Il-kawża nfetħet f'Ġunju tal-1996;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ,</u> il-Qorti tqis li hemm tliet oqsma li jixraq jiġu mistħarrġa: (a) is-siwi tat-talba attriċi dwar il-jedd tagħha li titħallas għax-xogħol konsenjat, (b) is-siwi tal-azzjoni rikonvenzjonali tal-imħarrek u (ċ) is-siwi tal-kriterju tal-likwidazzjoni tad-dannu magħmula mill-perit tekniku;

Illi **dwar it-talba attriċi** jirriżulta mingħajr dubju li l-kumpannija attriċi ingħatat ordni biex twettaq appalt u li dan l-inkariku aċċettatu. Jirriżulta li l-għamara li l-imħarrek talab kienet konsenjata imma l-prezz miftiehem ta' dik l-għamara ma tħallasx kollu. Minbarra l-kwestjoni tal-ammont mitlub li sejra tissemma aktar 'il quddiem, ma hemm l-ebda kontestazzjoni mill-imħarrek li huwa ma ħallasx il-prezz kollu tal-għamara li ngħatatlu;

Illi kontra dik it-talba, madankollu, l-imħarrek qanqal tliet eċċezzjonijiet. L-ewwel waħda hi li l-konsenja ma saritx skond l-ordni magħmul. L-imħarrek ma fisser bl-ebda mod x'kien hemm mill-konsenja li ma kienx ġie minnu

[5] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[6] Xhieda tal-imħarrek 22.11.1999, f'paġ. 80 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Raymond Cortis 15.5.1998, f'paġ. 74 tal-proċess
[8] Dok "A1", f'paġ. 66A tal-proċess

ordnat. Lanqas ma ressaq xi prova dwar dan. Min-naħa l-oħra jekk b'din l-eċċezzjoni huwa kien qiegħed jirreferi għall-fatt li l-għamara ma nħadmitx b'injam mastizz, ta' min jgħid li rigward dan l-ilment ma tressqet l-ebda prova dwar xi ftehim ta' xi njam partikolari li kellu jintuża jew li kien hemm xi qbil li l-injam użat kellu jkun injam mastizz. Fis-sewwa, ma tressaq mill-ebda parti xi ftehim partikolari li seta' sar bejniethom qabel ma l-ordni kienet konfermata. Din il-prova kellha ssir mill-imħarrek. Ma saritx, mhux biss billi naqas li juri xi ftehim espress (miktub jew mod ieħor) magħmul mal-kumpannija attriċi qabel bdiet twettaq l-appalt, imma billi naqas ukoll li juri li, fl-ordni li kien għamel mal-kumpannija snin qabel f'għamara oħra li huwa ordna mingħandha, din kienet fil-fatt ħadmet b'injam mastizz. Dan l-ilment tal-imħarrek ukoll twarrab mill-perit tekniku maħtur mill-Qorti;

Illi t-tieni eċċezzjoni hija li x-xogħol ma sarx bis-sengħa. F'dan ir-rigward, il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti wasal għall-fehma li tassew li kien hemm xi nuqqasijiet li juru li x-xogħol ma sarx sewwa. Minbarra dan, xhud imressaq mill-kumpannija attriċi stqarr li kien ra xi difetti u offra li l-kumpannija tirranġahom. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li l-kumpannija attriċi naqset li twettaq dak li ftehmet miegħu;

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali iġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[9];

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[10]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li

[9] Art. 1125 tal-Kap 16
[10] Art. 1127 tal-Kap 16

jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[11] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[12];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[13];

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[14]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[15]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[16];

Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[17], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[18]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għamil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[19];

Illi t-tielet eċċezzjoni tgħid li l-imħarrek qiegħed jiġi mfittex għall-ħlas ta' għamara li ma żammx. Din l-eċċezzjoni jirriżulta li għandha mis-sewwa u sejra titqies mill-Qorti

---

[11] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[12] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[13] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[14] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[15] Art. 1133 tal-Kap 16
[16] Art.1134 tal-Kap 16
[17] Art. 1135 tal-Kap 16
[18] Art. 1137 tal-Kap 16
[19] Art. 1136 tal-Kap 16

aktar 'il quddiem meta tiġi biex tiġbor l-ammont li jista' jkun dovut lill-kumpannija attriċi;

Illi **dwar il-kontro-talba tal-imħarrek** jirriżulta li din hija mibnija fuq il-premessa li, minħabba n-nuqqas ta' twettiq sewwa tal-appalt min-naħa tal-kumpannija attriċi, huwa ġarrab ħsara minħabba li kellu jqabbad lil terzi biex jagħmlu mill-ġdid ix-xogħol li ma sarx sewwa;

Illi minbarra l-fatt tal-aspett legali tal-għażla unilaterali tal-imħarrek li ma jitlobx l-eżekuzzjoni tal-appalt min-naħa tal-kumpannija attriċi qabel ma qatagħha li jqabbad lil ħaddieħor, l-istess imħarrek lanqas ressaq ħjiel ta' provi dwar kemm kienu dawn id-danni jew dwar liema mill-għamara li kien ordna mingħand il-kumpannija attriċi kien qabbad lil dawn it-terzi. Għall-kuntrarju, jirriżulta li l-għamara kollha li l-imħarrek kien ordna mingħand il-kumpannija attriċi kienet għadha fil-post fejn tqegħdet mal-konsenja, u ma ntwera bl-ebda mod li l-imħarrek, fil-fatt, ordna xi għamara mingħand ħaddieħor biex iqegħda minflok dik li ikkonsenjatlu l-kumpannija attriċi;

Illi għandu jingħad li huwa minnu li l-liġi trid li kull min jagħti x-xogħol jista', meta jrid, iħoll l-appalt[20], u li l-avviż mogħti b'kull mezz li jkun lill-appaltatur itemm il-kuntratt tal-appalt[21]. Iżda din l-għażla ġġib magħha effetti u konsegwenzi oħra li jiddependu min jekk l-għażla tal-appaltant tkunx mibnija fuq raġuni li tgħodd jew inkella jekk din l-għażla tkunx imsejsa fuq raġuni mhix tajba;

Illi ladarba l-imħarrek naqas għal kollox li jsostni l-premessi tal-azzjoni rikonvenzjonali bil-provi meħtieġa, l-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tqis l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija attriċi għal dik il-kontro-talba, u sejra tiċħad l-istess azzjoni rikonvenzjonali;

Illi **dwar l-ammont dovut lill-kumpannija attriċi** għandu jingħad li, ladarba t-talba rikonvenzjonali mhix sejra tintlaqa', jibqa' li jiġi determinat kemm hi s-somma li l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi. F'dan ir-rigward

[20] Art. 1640(1) tal-kap 16
[21] Art. 1640(5) tal-Kap 16

hemm żewġ konsiderazzjonijiet li jridu jsiru. L-ewwel waħda hi li s-somma mitluba mill-kumpannija attriċi fl-Att taċ-Ċitazzjoni tgħodd fiha l-prezz tas-salott. Billi jirriżulta li s-salott ma kienx konsenjat u, fil-fatt, inbiegħ lil ħaddieħor, prezzu ma jistax jintalab aktar mingħand l-imħarrek. Is-salott kien stmat għall-prezz ta' elf mija u erbgħin lira Maltija (Lm 1,140). Għalkemm jidher li l-kumpannija attriċi kellha tressaq nota ta' riduzzjoni[22], din baqgħet ma saritx. Min-naħa tiegħu, il-Perit Tekniku qies dan il-fatt u ħadu in konsiderazzjoni meta wasal għall-fehma tiegħu dwar il-bilanċ dovut lill-kumpannija attriċi;

Illi t-tieni konsiderazzjoni tintrabat mal-fatt li l-Perit Tekniku sab li l-imħarrek kellu xi parti mir-raġun li jilminta mill-kwalita' tax-xogħol konsenjat. Fil-qies tiegħu dwar is-siwi ta' tali ilmenti, il-Perit Tekniku ġabar globalment in-nuqqasijiet riskontrati minnu waqt l-aċċess f'somma ta' elf lira Maltija (Lm 1,000), li kellha titnaqqas mill-bilanċ dovut. Waqt li ttella' b'xhud fl-eskussjoni, il-Perit Tekniku stqarr li l-likwidazzjoni għamilha fuq bażi globali u mhux b'riferenza speċifika għall-ħsara mġarrba mill-imħarrek dwar kull nuqqas riskontrat. Il-kumpannija attriċi tikkontesta din is-sura ta' "likwidazzjoni". Hija tgħid li perit tekniku jitqabbad minn Qorti biex jasal għall-fehma teknika u preċiża ta' xi dannu li jkun irriżulta u mhux sewwa li "jillikwida" n-nuqqasijiet fuq kriterju ta' *arbitrio boni viri*. Fuq kollox, hija tisħaq li n-nuqqasijiet li ra l-perit kienu ħwejjeġ żgħar li jistgħu jitneħħew jekk hija titħalla tagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Għalhekk, titlob lill-Qorti biex twarrab ir-relazzjoni peritali;

Illi l-Qorti taqbel li perit tekniku idejalment jitqabbad biex, safejn il-ħila teknika tiegħu tista' twassal, il-Qorti tingħata fehma preċiża dwar il-materja li għaliha tkun saret dik il-ħatra. Tqis ukoll li l-fehma u l-konklużjoni ta' perit tekniku tikkostitwixxi prova, għalkemm issir fis-sura ta' opinjoni sottomessa għall-aċċettazzjoni tal-Qorti nfisha[23]. Dik il-prova tibqa' sseħħ sakemm ma titwaqqax bi prova oħra tajba, jew b'fehma aħjar ta' perizja perizjuri, jew b'xi sottomissjoni ta' xi waħda mill-partijiet li turi li l-fehma

[22] Verbal tas-seduta peritali 20.2.2004, f'paġ. 88 tal-proċess
[23] App. Ċiv. **29.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Mamo et*** (mhix pubblikata)

peritali mhix waħda li wieħed jista’ joqgħod fuqha[24]. Għalkemm Qorti m’hijiex marbuta li toqgħod fuq fehma li jasal għaliha perit imqabbad minnha[25], m’għandhiex taqbad u twarrab dik il-fehma jekk ma jkunx hemm serja u gravi li tqiegħed dubju serju dwar is-siwi tagħha[26];

Illi l-Qorti tqis li fil-każ preżenti, il-perit tekniku wasal għall-fehma li xi parti mix-xogħol magħmul mill-kumpannija attriċi ma kienx sar skond is-sengħa. Dan baqa’ jsostnih meta xehed fuq mistoqsijiet magħmulin lilu mill-kumpannija attriċi in eskussjoni. Jidher ukoll li huwa qies li dawk in-nuqqasijiet ilkoll flimkien jagħtu lill-għamara kollha kemm hi dehra ta’ tnaqqis tal-valur tagħha akbar mill-valur tal-ispiża biex wieħed idur id-difetti kollha wieħed wieħed[27]. Kien tal-fehma wkoll li l-biċċa l-kbira mid-difetti li huwa ikkostatata kienu nuqqasijiet li kienu fl-għamara mill-bidu u mhux trabbew maż-żmien bl-użu tal-istess għamara[28]. Hu wera l-fehma wkoll li n-nuqqasijiet x’aktarx ma kinux jitneħħew billi wieħed iżid jew inaqqas parti ’l hawn jew ’l hinn: imma x’aktarx li kien ikun meħtieġ li jsir xogħol fuq l-oġġetti kollha konsenjati, ukoll dawk li fihom ma kienx hemm nuqqasijiet (b’mod partikolari jekk kellu jsir mill-ġdid ix-xogħol tal-għoti tal-lostru). Għalhekk, minn dan l-aspett, il-perit tekniku wettaq il-ħatra mogħtija lilu mill-Qorti, u l-viżjoni tat-tnaqqis globali fil-valur tal-għamara konsenjata li adotta ma jidhirx li hija operazzjoni li l-liġi ma tħallix li ssir. Minħabba f’hekk, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha twarrab ir-relazzjoni bħallikieku ma tiswa xejn;

Illi mkien fil-liġi ma jissemma lanqas x’inhu l-kriterju tassattiv li perit tekniku għandu jadotta biex, wara li jkun sab li hemm xi nuqqas fil-ħaġa li tqabbad jeżamina, jillikwida t-tnaqqis fil-prezz li l-parti tkun għamlet dik il-ħaġa jistħoqqilha titħallas minħabba dak in-nuqqas. Dan jitqabbel mas-sitwazzjoni li jsib quddiem wiċċu kull ġudikant fejn il-provi dwar l-ammont ta’ danni m’humiex daqstant ċari jew fin-nuqqas ta’ mezzi probatorji xierqa.

[24] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Debattista***
[25] Art. 681 tal-Kap 12
[26] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Gauċi vs Angela Attard***
[27] Xhieda tal-Perit David Paċe 22.2.2006, f’paġ. 102 tal-proċess
[28] *Ibid.* paġ. 104 tal-proċess

F’każ bħal dak, l-ammont imissu jiġi iffissat *ex aequo et bono* mill-Qorti nnifisha[29]. Sakemm, għalhekk, jitħarsu l-prinċipji stabiliti espressament fl-artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti jifdlilha dejjem is-setgħa diskrezzjonali li tillikwida t-telf fuq il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva[30] imbasta tħares b’reqqa l-elementi kollha li joħorġu mill-atti tal-kawża u ssejjes il-fehma tagħha fuq motivazzjoni loġika li tagħti ħjiel xieraq ta’ kif wieħed ikun wasal għal dik il-likwidazzjoni[31];

Illi fid-dawl ta’dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma li kieku kellha tilqa’ l-argument tal-kumpannija attriċi u ma tqisx il-likwidazzjoni kif wasal għaliha l-perit tekniku, kien ikollha xorta waħda tindaħal hi biex tqis b’mod x’aktarx arbitrarju l-ammont ta’ danni li l-imħarrek ġarrab minħabba li n-nuqqasijiet pruvati tal-kumpannija attriċi fl-eżekuzzjoni tal-appalt mogħti lilha. Għallanqas, il-perit tekniku ra b’għajnejh l-istat ta’ dik l-għamara u qies il-fatturi kollha tekniċi għar-rigward. Għalhekk, il-perit tekniku kien konkretament f’qagħda aħjar li jasal għal ċifra fattwali tat-tnaqqis fil-valur imġarrab mill-imħarrek milli qatt tista’ tasal din il-Qorti kieku kellha tislet hi l-ammont li, fil-fehma tagħha, kellu jitnaqqas mis-somma finali li trid titħallas lill-kumpannija attriċi mill-imħarrek;

Illi għalhekk, il-Qorti toqgħod ukoll fuq il-likwidazzjoni magħmula mill-perit tekniku f’dan l-aspett. Dan ifisser ukoll li l-ammont hekk likwidat għandu jitnaqqas mis-somma li l-kumpannija attriċi jifdlilha titħallas mingħand l-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fit-28 ta’Ġunju, 1996;

[29] P.A.PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Attard vs Carmela Frendo et***
[30] Kumm. **6.6.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Laferla noe vs Cachia pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.615**)
[31] App. Ċiv. **8.7.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna vs Cremona noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1285**)

**Tiċħad l-azzjoni rikonvenzjonali** billi ma ġiet bl-ebda mod ippruvata;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek billi mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tiegħu billi tiddikjara li parti mix-xogħol konsenjat ma sarx skond is-sengħa, u minħabba f'hekk jonqos il-valur tal-għamara konsenjata;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** billi jirriżulta li parti mis-somma mitluba mill-kumpannija attriċi saret dwar għamara li ma ġietx konsenjata lill-imħarrek u li l-istess kumpannija biegħet lil terzi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi attriċi** billi, wara li tqis li għall-finijiet tat-tieni eċċezzjoni, in-nuqqas fil-valur tal-għamara konsenjata kif likwidat mill-perit tekniku jammonta għal elf lira Maltija (Lm 1,000) u wara li tqis li għall-finijiet tat-tielet eċċezzjoni, il-valur tal-għamara li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas u li ma ġietx konsenjata lill-imħarrek jammonta għal elf mija u erbgħin lira Maltija (Lm 1,140), tiddikjara li l-kumpannija attriċi għandha titħallas mingħand l-imħarrek il-bilanċ ta' elf ħames mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm 1,563), **tikkundanna** lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi l-imsemmi ammont, flimkien mal-imgħax legali fuq din is-somma b'effett mid-19 ta' Frar, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv;

Kwantu għall-**ispejjeż tal-kawża**, dawk relativi għall-azzjoni ewlenija jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li dawk konnessi mal-kontro-talba jitħallsu mill-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------